Għaqda Studenti tat-Teoloġija

# Minuti tal-Laqgħa Annwali Ġenerali tal-GħST
# 6 ta' Mejju 2013

Il-laqgħa bdiet fit-15:04 b'talba mill-President Sinclair Buġeja. Kien hemm b'kollox tnax-il student preżenti.

**1. Ħatra ta' Chairperson**

1.1 Aayrton Muscat inħatar *chairperson* bi ħdax-il voti favur u astenzjoni waħda.

**2. Minuti tal-aħħar Laqgħa Annwali Ġenerali.**

**3. Rapport annwali mis-Segretarju.**

3.1 Punti oħra li qamu mir-rapport:

Intqal li l-għaqda għandha tinfetaħ aktar għal studenti li mhumiex seminaristi. Is-sistema kif inhi illum m'hiex ideali, għax qed tingħalaq għal ftit, u għalhekk jekk l-għaqda trid tkun vera tal-istudenti trid tkun miftuħa. Intqal ukoll li kien hemm min ma kienx jaf bl-AGM, u lanqas bl-ebda attività li saret mill-GħST. Intqal li s-sistema ta' kif jidħlu membri fil-kumitat għandha tinbidel. Ingħatat risposta li minkejja li l-ideal hu li jkun hemm iktar involviment mill-istudenti u ikbar interess biex wieħed jidħol fil-kumitat, wieħed għandu jkun realistiku u jara li l-istudenti mhux dejjem ikunu jridu joffru għajnuna jew juru interess, għalhekk wieħed għandu jkun prattiku fil-mod ta' kif jaħdem il-kumitat u fil-ħatra ta' kumitat ġdid. Hemm ukoll problema ta' indifferenza mill-istudenti. Intqal ukoll li ma tistax tqabbel għaqda ma' oħra, primarjament minħabba n-numru ta' studenti, fejn il-Fakultà tat-Teoloġija m'għandhiex iktar minn erbgħin student fil-għodu. Issemma wkoll l-importanza li studenti tal-evening courses jidħlu aktar fl-GħST, u intqal li għalkemm huwa diffiċli li dawn ikun membri fil-kumitat minħabba li ma tkunx prattika jiġu għal-laqgħat jew jipparteċipaw f'attivitajiet minħabba l-ħin, issa hemm l-possibiltà li wieħed minn tal-evening courses ikun Student Representatives, u għalhekk jinħoloq il-kuntatt minn hemm.

**4. Rapport mit-Teżorier**

4.1 Waqt ir-rapport intqal li għandu jsir iktar fund raising biex ikoppri l-ispejjeż li jkun hemm matul is-sena, għax b'dan il-mod ċerti attivitajiet ikunu jistgħu jsiru aħjar.

**5. Rapport mill-Student Representative**

5.1 Issemma li jista jkun hemm żewġ problemi li jxekklu x-xogħol tal-Studnet Reprsentatives, u dawn huma l-preġudizji li jista jkun hemm kemm minn naħa tal-lecturers kif ukoll mill-istudenti. Il-mod ta' kif studenti jaraw l-Student Rep tagħmel differenza, fejn anke ġieli kien hemm mumenti fejn studenti, wara li jkunu ħadu kollox f'idejhom u ma sabux soluzzjoni, imorru għand l-Student Rep, l-GħST jew l-KSU biex isolvu l-problema. Għandu jinstab mod ta' kif Student Representatives jiġu kkuntatjati b'mod iktar faċli, anke forsi permezz tal-website, biex b'hekk jingħalqu d-distanzi. Jista

wkoll isir li kull kors, jew sena, jkollha Student Representative għaliha magħżul mill-istudenti. L-iskop hu li dawn jaħdmu flimkien, forsi jindirizzaw xi diffikultajiet li jistgħu jiltaqgħu magħhom, u b'hekk flimkien mal-Student Representatives uffiċjali ifittxu soluzzjonijiet biex itejbu l-ħajja universitarja tal-istudenti. Dawn jistgħu jiltaqgħu eżempju kull xahrejn jew permezz tal-email. B'dan il-mod is-sistema għandha titjieb.

**6. Rapport mir-rappreżentant fil-Bord Amministrattiv tal-Melita Theologica.**

6.1 Bħalissa hemm żewġ studenti fil-Bord amministrattiv (Sinclair Buġeja li qed jieħu l-irwol ta' Segretarju u Bernard Micallef li qed jieħu l-irwol ta' Teżorier) u student fil-Bord Editorjali (Fr Andre Zaffarese). Issemma wkoll li bħalissa hemm diskussjonijiet biex jiġi ffirmat agreement ġdid, minħabba li dak li kien sar is-sena ta' qabel ma jgħoddx peress li l-Fakultà tat-Teoloġija ma kellhiex id-dritt tiffirmah għax dan irid jiġi ffirmat mill-Università ta' Malta. B'hekk din il-ħidma għandha twassal għall-firma bejn l-Università, l-Għaqda Studenti tat-Teoloġija u l-Foundation for Theological Studies.

**7. Emendi fl-Istatut**

7.1 Punt 81ċ għandu jitneħħa, u f'punt 4 il-kelma 'membru' għanda ssir 'Membru'. Kull fejn il-kelma 'membru/i' tirreferi għall-membri tal-Għ.S.T. għandha ssir 'Membru/i'.

**8. Ħatra tal-kumitat il-gdid**

8.1 Għall-kariga ta' President, ġie nominat Bernard Micallef minn Sinclair Buġeja u sekondat minn Anton D'Amato.

8.2 Għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali, ġie nominat Jean Gove minn Bernard Micallef u sekondat minn Sincalir Bugeja

8.3 Għall-kariga ta' Tezorier, ġie nominat Matthew Pulis minn Jurgen D'Amato u sekondat minn Rev. Charlon Muscat.

8.4 Għall-kariga ta' PRO, ġie nominat Evan Demicoli minn Anton D'Amato u sekondat minn Rev.Charlon Muscat.

8.5 Għall-kariga ta' Membru, ġie nominat Peter Ellul minn Rev.Charlon Muscat u sekondat minn Ryan Lee Pace.

Il-laqgħa spiċċat fl-4:14pm b'talba minn Sinclair Bugeja.

Bernard Micallef

Segretarju